MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 15/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Schembri**
**Carmelo Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Schembri u Carmelo Bartolo talli fis-6 ta' Diembru 2004 u fix-xhur ta' qabel, fil-Marsa, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) fil-fond Monalisa Bar li jinsab fi Triq it-Tigrija Marsa, liema fond ma huwiex licenzjat taht l-Att dwar il-Loghob, tal-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta jew taht l-Att dwar

Lotteriji u Loghob iehor, hadu sehem f'xi loghob ta' sogru li jintlaghab ghall-flus jew valur ta' flus, jew ippermettew l-uzu tal-post, jew inkoraggew dak il-loghob, jew ghalkemm ma kinux qeghdin jiehdu sehem f'xi loghba llegali, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik, jew li kienu prezenti filwaqt li kienet qeghda ssir xi loghba bhal dik;

(2) fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi fethu u haddmu kazino u cioe` mill-fond Monalisa Bar li jinsab fi Triq it-Tigrija, Marsa, minghajr licenzja mahruga mill-awtoritajiet kompetenti;

(3) fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, operaw, ippromovew, bieghu jew ippartecipaw fl-imsemmi fond, cioe`, Monalisa Bar li jinsab fi Triq it-Tigrija, Marsa jew b'xi mod ghenu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob fuq ir-rizultati ta' xi loghob li kien legittimament organizzat barra minn Malta u dan minghajr l-approvazzjoni bil-quddiem u bil-miktub ta' l-Awtorita` kkoncernata;

(4) fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, ghamlu jew ippruvaw jaghmlu jew b'xi mod kellhom x'jaqsmu ma' l-ghemil ta' x'imhatra maghduda li ghandha x'taqsam ma' xi loghba, sport jew grajja f'Malta jew x'imkien iehor, jew li kienu prezenti fil-post fejn kienet qed issir x'imhatra bhal dik;

(5) fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, iggestew il-fond Monalisa Bar, li jinsab fi Triq it-Tigrija, Marsa, bhala post kummercjali minghajr il-licenzja ta' l-awtorita' kompetenti.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmijin persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska tal-oggetti u l-flejjes kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tordna r-revoka tal-licenzji mahruga fuq il-fond Monalisa Bar li

jinsab fi Triq it-Tigrija, Marsa, kif ukoll licenzji ohra li l-persuni jista’ jkollhom fuq isimhom;

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Jannar 2009, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq talba tad-difiza ghal-liberatorja ta’ l-imsemmijin Raymond Schembri u Carmelo Bartolo, ordnat il-liberazzjoni taghhom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fis-27 ta’ Jannar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skond il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant Avukat Generali huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ufficjal prosekutur ma kienx prezenti meta l-ewwel Qorti ddecidiet li tillibera lill-appellati u l-ufficjali prosekuturi msemmijin fil-verbal tat-13 ta’ Jannar 2009 kienu hemm in rapprezentanza taz-zewg kawzi l-ohra li kienu mexjin kontestwalment ma’ din il-kawza. Inoltre dakinhar il-prosekuzzjoni kellha xhieda ppreparati biex jixhdu u l-ufficjal prosekutur kien dak il-hin impenjat f’awla ohra u deher aktar tard meta kienet diga` nghatat id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti. Il-bosta differimenti li nghataw tul il-perkors ta’ din il-kawza kienu dejjem gustifikati; (2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, id-difiza ma kellha l-ebda dritt titlob il-liberatorja peress illi l-gurisprudenza taghna ssostni li dan il-kuncett huwa wiehed regolat mill-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u d-disposizzjonijiet relattivi mhumiex applikabbli ghall-proceduri kriminali.

Din il-Qorti sejra tittratta mill-ewwel it-tieni aggravju. Issa, mill-atti jirrizulta illi din il-kawza ilha tkarkar mill-10 ta’ Marzu 2006 minghajr ma nstemghu provi. Diversi

differimenti nghataw fuq talbiet ta' l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Raymond Aquilina. Ohrajn inghataw peress illi ma deherx xi wiehed mill-appellati jew fuq talba ta' xi wiehed mill-appellati. Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2009, skond il-verbal relattiv, la deher l-Ispettur Aquilina u lanqas xhieda u d-difiza talbet "il-liberatorja".

Fis-sentenza li ghaliha ghamel referenza l-appellant, cioe` **Il-Pulizija v. Clive Debono** deciza fl-14 ta' Settembru 2004, intqal hekk:

**"Issa fl-ewwel lok jigi osservat li l-imputat u d-difiza tieghu ma kellha ebda dritt li titlob 'il-liberatorja' (Sic!) ghaliex dan hu koncett legali w terminu li hu applikabbli biss fil-kompetenza civili. Kif gie minn din il-Qorti ritenut fl-Appell Kriminali: 'Il-Pulizija vs. Adrian Previ' [5.6.2003] u sentenzi ohra, din il-forma ritwalistika w dicitura nsibuha fil-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) u hi applikabbli biss ghall-proceduri quddiem il-Qrati ta' kompetenza civili bl-artikoli 199(2)(3) u 200 tal-Kap.12 u hija procedura ghal kollox aljena w estraneja ghal dik applikabbli fil-proceduri kriminali. Di fatti, ma jirrizulta minn imkien li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Kap.12 huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bhal kif huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali dawk l-artikoli tal-Kap.12 elenkati fl-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali li jirrigwardaw materja ta' xiehda w provi, per ezempju."**

Nonostante cio` l-ewwel Qorti ghaddiet biex tiddeciedi l-kaz billi qalet hekk:

**"Il-Qorti,**

**Fuq din it-talba, wara li semghet lill-partijiet u wara li rat il-verbali precedenti, tara li l-prosekuzzjoni kellha bizzejjed zmien biex tipproduci l-provi taghha, liema fatt sallum ghadu ma sehhx.**

**Ghalhekk il-Qorti tara li ghandha tiddeciedi l-kaz fuq il-provi prodotti sallum u ghalhekk tordna l-liberazzjoni taz-zewg akkuzati.”**

Ghalhekk meta l-ewwel Qorti ghaddiet biex tordna l-“liberazzjoni” ta’ l-appellati jidher li hija kienet qed issegwi l-konnotazzjoni moghtija fi proceduri civili meta konvenut jitlob il-liberazzjoni *ad observantia*[1], u dan sar konsegwentement ghat-talba inkorretta tad-difiza ghal-“liberatorja”.

Certament din il-Qorti tissimpatizza ma’ l-ewwel Qorti fis-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha li ma setghetx tipprocedi mhux biss minhabba nuqqas ta’ xhieda izda anke minhabba n-nuqqas ripetut tal-prezenza ta’ l-ufficjal prosekutur. Izda certament is-soluzzjoni ma setghetx tkun dik li ttiehdet, cioe` li tintuza procedura li hija aljena ghall-proceduri kriminali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, thassar, tannulla w tirrevoka d-decizjoni appellata, izda biex ma tipprivax lill-partijiet u partikolarment lill-imputati appellati mill-beneficcju tad-doppju ezami, qed tirrimetti u tibghat l-atti processwali quddiem l-ewwel Qorti sabiex il-kawza terga’ tinstema mill-gdid u tigi deciza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Hawn ta’ min jghid illi *in criminalibus* il-kelma “liberazzjoni” tintuza fl-artikolu 401(2) tal-Kap. 9 fejn meta tinghalaq il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Struttorja, u l-Qorti tiddeciedi li ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza, dik il-Qorti “tordna l-liberazzjoni tieghu”. Il-kelma “liberazzjoni” tintuza wkoll fil-Kap. 446 fil-kaz ta’ *absolute* u *conditional discharge* li l-artikolu 22 jirreferi ghalihom bhala *“liberazzjoni assoluta jew kondizzjonata”*.